# San Girgor

## l-Ewwel Knisja Parrokkjali fiż-Żejtun iddedikata lil Santa Katerina



Id-data meta nbniet din il-knisja mhix mgħarufa għalkemm hu maħsub li twaqqfet fis-seklu XII . Fl-1492 il-knisja reġgħet nbniet mit-tieni arċipriet taż-Żejtun Ċzullu Baldu. Imma fl-1436 l-Isqof Senator de Mello kien għollieh għall-istat ta' Parroċċa. Il-knisja għandha tlett artali, kursija, żewġ kappelluni u sagristija żgħira.

Dwar l-istil tal-knisja huwa Ruman pero jidħol wkoll is-Siculo-Normann u l-Baroque. Jidher wkoll l-istil Gotiku. Minħabba l-post strateġiku tagħha din il-knisja kienet tiġi attakata. Fis-6 ta' Lulju 1614 it-Torok ħabtu għal Malta u niżlu fil-bajja ta' San Tumas. Kienu madwar 6,000 ruħ fejn għamlu ħerba sħiħa pero l-Maltin qamu għalihom u ħarbu. Il-knisja ġarbet bosta ħsarat u kella tieqaf il-mgħamudija.

Ir-rabta ma San Girgor tiġi mill-wegħda li saret fil-qedem ma dan il-qaddis u li minħabba fiha baqgħet issir purċissjoni kull sena. Skond għidut din il-purċissjoni kienet saret minħabba l-pesta jew xi nvażjoni mit-Torok. Hemm min jgħid li kienet saret tempesta kbira . Il-ħelsien minn dan il-flaġell aktarx sar lejliet Santa Katerina iġifieri nhar l-24 ta' Novembru. Fil-bidu l-purċissjoni kienet fit-12 ta' Marzu nhar il-festa ta' San Girgor. Aktar tard bdiet issir l-Erbgħa ta' wara l-Għid il-Kbir kif għadha issir illum. Fl-antik l-irħula u l-bliet ta' Malta kollha kienu jieħdu sehem . Il-purċissjoni kienet tibda mill-Katidral ta' l-Imdina. Din il-purċissjoni kienet waħda mill-isbaħ li kienu jsiru fl-Ewropa.

Il-Granmastri wkoll kienu jiġu ż-Żejtun biex jaraw din il-purċissjoni. Iż-żmien jgħaddi u kollox jinbidel. Illum din il-purċissjoni toħroġ mill-knisja ta' San Klement fiż-Żejtun stess. Ċertu drawwiet ta' missirijietna baqaw ħajjin għax kummerċ għadu jsir, minflok il-bejjiegħa ta' l-ilma issa nsibu l-bejjiegħa tal-ġelat u tal-qubbajd. Drawwa li baqgħet hi li n-nies wara l-purċissjoni jinżlu Marsaxlokk jew ir-Ramla ta' San Tumas biex jieħdu l-ewwel għawma.

Fl-1969 fil-ħxuna tal-ħajt tal-kappelluni nstabu tlett passaġġi sigrieti. Dawn instabu mis-Sur G.M.Debono . IL-wisa' ta' dawn il-passaġġi hi ta' 75 cm u 180cm għoljin. It-tul tagħhom hu ta' 9 metri ; 12-il metru u 30 cm ; 9 metri u 30 cm. Wieħed jista' jidħol fihom minn bieb dejjaq wara li jitla' garigor. Wara l-ewwel bieb hemm ieħor żgħir li qabel is-sejba kien imblukkat.

L-ewwel passaġġ li jħares fuq il-Lvant għandu tlett aperturi fil-ħajt li meta nstabu kienu magħluqin. Il-wisa' tagħhom hi ta' 25cm u l-għoli ta' 95cm . Dawn iħarsu lejn Wied il-Għajn u l-Forti San Tumas li nbena fl-1614. It-tieni passaġġ li jħares lejn ix-Xlokk għandu żewġ aperturi li jagħtu fuq Marsaxlokk u San Luċjan. It-tielet passaġġ fuq in-naħa tal-punent ma jinfed ma mkien u ma fih l-ebda apertura . F'dan il-passaġġ wara ħajt li jifirdu mit-tieni passaġġ instabu l-għadam ta' xi 60 ruħ. Hi ħaġa ċara li l-passaġġi u l-aperturi kienu jiġi wżati bħala għassa u bħala post minfejn jingħataw is-sinjali .Ma hemm l-ebda dokument li jispjega kif dak l-għadam nstab fil-passaġġi sigrieta ta' madwar is-saqaf ta' din il-knisja-fortizza.

